**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-16 ta' Novembru 2023**

**Rikors numru: BCT/36/2023**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Roderick James Agius**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant Roderick James Agius rigward żvilupp bil-permess PA/6722/21 li jinsab f'No 4, Triq Preziosi, Sqaq Nru. 2, Lija fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *illi permezz ta' dan ir-rikors qed nappella mid-decizjoni li tigi imposta fuqi penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt ewro (EUR 500);*
>
> *Din il-penali giet imposta ghax skont l-istess avviz kien hemm ksur tal Legizlazzjoni Sussidjarja 623.08 fis-sit 4, Triq Preziosi, Sqaq Numru 2, Lija, Malta u cioe' ghaliex allegatament saru xogholijiet fil-Hdud jew Festi Pubblici;*

*Illi t-Tielet Skeda tal-Legiazzjoni Sussidjarja fl-artiklu 1 (d) titkellem dwar kostruzzjoni;*

*Illi nhar il-15 ta' Awwissu ma kien hemm l-ebda kostruzzjoni ghaddejja fuq is-sit imsemmi (ix xoghol ta' kostruzzjoni ilu gimghat lest) u kull ma kien hemm kien li min qed ipoggi l-madum mar ihalleb il-madum ta' kamra tal-banju fuq gewwa u kien qed jimmarka fejn ghandu jahdem meta jkompli x-xoghol;*

*Illi zgur li ma kien hemm l-ebda storbju jew hsejjes li jdejqu lill-girien jew terzi persuni;*

*Illi f'dan is-sit dejjem mxejt skont ir-regolamenti bil-permessi kollha u bin-notifika lill-girien kollha kull darba li kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni jew hatt ta' materjal;*

*Illi ghalhekk qed nappella minn din il-penali u nitlob li jekk hemm bzonn nidher quddiem il Bord kompetenti biex nispjega u ngib il-provi.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*Illi l-liġi sussidjarja teżiġi li "ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhomx isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi";*

*Illi skont l-istess L.S. "xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura", b'dana li x-xogħlijiet li kienu qegħdin jsiru jaqgħu taħt din id-definizzjoni;*

*Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa t-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2023, fejn l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan huwa appell mill-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500) maħruġa mill-Awtorità intimata nhar l-16 ta' Awissu, 2023. Ir-raġuni mogħtija mill-Awtorità għall-penali amministrattiva hija li kien hemm kien hemm ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08, peress li saru xogħlijiet fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi;

Ra li fl-10 ta Ottubru 2023, ġie preżenat affidavit minn Francis Sammut, li kien il-ħaddiem li kien qed jaħdem nhar il-15 ta' Awwissu, 2023, fejn qal b'ġurament fi 8 ta' Ottubru 2023:

> *"Jiena Francis Sammut, ...... qiegħed nagħmel din id-dikjarazzjoni fejn qed nistqarr li fil-15 ta' Awwissu, 2023 ma kont qiegħed nagħmel l-ebda xogħol ta' storbju jew xi xogħol ieħor li seta' kien qed joħloq xi inkonvenjent lir-residenti li jmiss mal-binja Nr.4, Sqaq nr. 2, Triq Preziosi, Hal Lija.*
>
> *Il-preżenza tiegħi fis-sit imsemmi kienet biss għal żewġ raġunijiet: sar taħlib ta' ftit madum u tfassil (fejn ma sar ebda tqattiegħ ta' madum) biex l-għada jkun jista' jitqatta' u jitpoġġa l-madum".*

Waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2023, xehed ukoll Stephen Mallia, bħala rappreżentant tal-Awtorità fejn huwa spjega li meta hu żar is-sit in kwistjoni fil-15 ta' Awwissu, sab ħaddiem li identifika ruħu bħala Frans Sammut li kien qed jagħmel xogħol ta' tqegħid ta' madum.

Fil-mertu ta l-appell, it-Tribunal jinnota li x-xogħol in kwistjoni huwa xogħol li kien jinvolvi tqegħid u taħlib ta' madum fis-sit in kwistjoni. L-appellant argumenta illi dak inhar l-attività li kienet qiegħda issir kien ta' natura żgħira u kien jinvolvi biss taħlib ta' madum biex l-għada jkun jista' jqatta' u jqiegħed il-madum. It-Tribunal ikkunsidra li allovolja dan ix-

xogħol kien minimu, dan xorta waħda jaqa' taħt t-tifsira ta x-xogħlijiet ta' finitura skond il-liġi L.S. 623.08. li kien qed isir fil-15 ta' Awwissu li hija Festa Pubblika.

Għalhekk jidher ċar, li l-attività li kienet qed issir dakinhar li saret l-ispezzjoni mill-Awtorità, kif stqarr il-ħaddiem tal-appellant fl-affidavit tiegħu stess, hija ikkunsidrata bħal xogħlijiet f'għajnejn il-liġi u li saret ġo festa pubblika. Fid-dawl ta' dan kollu l-imposizzjoni tal-multa kienet waħda valida.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-Appell billi jiċħdu u b'hekk jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità ta' nhar l-16 ta' Awwissu, 2023.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |